

- 2) Il-kumpens previst fil-punt 1 għandu jiżdied b'interessi moratorji, sa mill-ġħoti ta' din is-sentenza u sal-ħlas sħiħ, bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid, b'żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs.
- 3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' ġunju 2019 li tirrifjuta li tħallas interessi moratorji lil Deutsche Telekom, għall-perijodu bejn is-16 ta' Jannar 2015 u d-19 ta' Frar 2019, fuq l-ammont prinċipali tal-multa rrimborsat wara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (T-827/14, EU:T:2018:930), hija annullata.
- 4) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 5) Il-Kummissjoni hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, nofs l-ispejjeż sostnuti minn Deutsche Telekom.
- 6) Deutsche Telekom hija kkundannata tbati nofs l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 363, 28.10.2019.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-26 ta' Jannar 2022 – Unger Marketing International vs EUIPO –
Orben Wasseraufbereitung (Purifikaturi tal-ilma)**

(Kawża T-325/20) (¹)

("Disinn Komunitarju – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Disinn li jirrappreżenta purifikatur tal-ilma – Raġuni għal invalidità – Nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet ta' protezzjoni – Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 – Karatteristiċi tad-dehra ta' prodott iddettati biss mill-funzjoni teknika tiegħu – Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002 – Dikjarazzjoni ta' invalidità")

(2022/C 119/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Unger Marketing International, LLC (Bridgeport, Connecticut, I-İstati Uniti) (rappreżentant: C. Schulte, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Hanne, D. Hanf u J. Ivanauskas, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Orben Wasseraufbereitung GmbH & Co. KG

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Frar 2020 (Każ R 740/2018-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Orben Wasseraufbereitung u Unger Marketing International.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Unger Marketing International, LLC hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 255, 3.8.2020.